# MALTA
# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA
# MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA

**09 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Numru 56/2022**

**Raymond Formosa u Lucienne Delia**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Raymond Formosa u Lucienne Delia** ippreżentat fl-4 ta' Lulju, 2022 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:-

*Illi l-esponenti kienu permezz ta' applikazzjoni (AGRI1/2021/1088) applikaw ai termini ta' l-Avviżi Legali bin-numri 159 tal-2017, u 438 tal-2018, sabiex jittrasferixxu it-titolu tal-qbiela illi kellu missierhom il-mejjet Emanuel Formosa (KI 320843M) illi miet nhar it-28 ta' Diċembru tas-sena 2020, u dan fuq porzjon ta' art ġewwa Ħaż-Żabbar magħrufa bħala 'Plot Ta' Gaspru' li tmiss mal-propjeta' numru 72, triq il-Faqqus, (Ġia triq Wied il-Għajn) ġewwa Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, u dan minflok l-imsemmi missierhom stante il-mewt tiegħu, u dan bil-qbiela ta' tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmi (€93.17) fis-sena. (File A/4504/1997) (Tenement number J65692)*

*Illi permezz ta' deċiżjoni li ġġib id-data tal-14 ta' Ġunju 2022, ta' l-Awtorita' intimata, l-imsemmija talba tal-esponenti ġiet rifjutata, bir-raġunijiet ikunu **'Tenement falls within Development Zone Scheme'.** (Dok LD 1).*

*Illi l-esponenti iħossuhom aggravati b'din id-deċiżjoni, u għalhekk qegħdin iressqu l-oġġezzjoni tagħhom ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-aggravji tal-esponenti jikkonsistu fis-segwenti;*

*1. L-imsemmija deċiżjoni tmur kontra id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan anke kif jistabillixxi ir-regolament numru 5 tal-Avviż Legali 159 tal-2017.*

*2. Illi lanqas ma kellu jkun hemm rifjut ta' l-imsemmija applikazzjoni ġialadarba l-esponenti ottemporaw irwieħhom, mar-regolamenti stabbiliti fl-Avviż Legali 438 tal-2018, u b'mod partikolari ir-regolament numru 9 ta' l-istess Avviż Legali, kif ukoll issodisfaw il-kriterji hemm stabbiliti, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*
*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkonsidra l-oġġezzjoni tagħhom, iħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorita intimata, tal-14 ta' Ġunju 2022, u minflok, jilqa' t-talba ta' l-esponenti għat-trasferiment tat-titolu tal-qbiela fuq isimhom tal-porzjon ta' art ġewwa Ħaż-Żabbar magħrufa bħala 'Plot Ta' Gaspru' li tmiss mal-propjeta' numru 72, triq il-Faqqus, (Ġia triq Wied il-Għajn) ġewwa Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, u dan minflok missierhom Emmanuel Formosa illi miet nhar it-28 ta' Diċembru 2020.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fil-21 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-rikors tal-Appell ta' Raymond Formosa (K.I. 392668M) u Lucienne Delia (K.I. 254673M) li ġie notifikat lil Awtorita' esponenti nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2022;*

2. *Illi r-rikorrenti permezz tal-applikazzjoni numru ta' referenza **AGRI1/2021/1088** ('l-applikazzjoni'), għamlu talba sabiex jiġu rikonoxxuti fis-sehem sħiħ li kellu d-defunt missierhom s-Sur Emmanuel Formosa (K.I. 320843M) tal-qbiela (kirja agrikola) tal-art magħrufa bħala 'Tal-Plot ta' Gaspru li tmiss mal-proprjeta' numru 72, Triq il-Faqqus (Gia Triq Wied il-Għajn), Żabbar, Malta';*

3. *Illi l-applikazzjoni suċitata ġiet miċħuda mill-Awtorita' tal-Artijiet permezz ta' ittra datata 14 ta' Ġunju 2022, u dan għas-segwenti raġuni: **"Tenement falls within Development Zone Scheme."** ;*

4. *Illi l-art mertu ta' dawn il-proċeduri hija mmarkata bħala Tenement bin-numru **J65692** u li kien imqabbel lid-defunt Emmanuel Formosa;*

5. *Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavolaw dan l-Appell ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-rikorrenti:*

***L-Aggravji***

*Illi primarjament qiegħed jiġi senjalat li ż-żewġ aggravvji tar-rikorrenti huma ntavolati a bażi tal-applikabilita' tal-liġi speċjali u ċioe tar-Regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 573.06 u kif ukoll tad-disposiżżjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta.*

I. *Illi r-rikorrenti permezz tal-preżenti appell qiegħdin isostnu li l-Awtorita' tal-Artijiet ma' għamlitx interpretazzjoni korretta tal-liġi u dan stante li qed*

*isostnu li applikat il-liġi b'mod skorrett. L-esponenti tissenjala illi hija kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li ma laqgħetx it-talba ta' trasferiment tad-drittijiet tal-kirja in kwistjoni a favur tar-rikorrenti u dan stante li din id-deċiżjoni ttieħdet in linea mal-intendiment u l-ispirtu tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta u mingħajr preġudizzju għal dak li trid il-liġi speċjali senjatament ir-Regolament Numru 3(b) tal-Liġi Sussidjarja 573.06. In vista ta' dan, l-Awtorita' esponenti tissenjala li applikat il-liġi bl-aħjar mod possibli. F'dan l-istadju jiġi senjalat ukoll li l-Avviż Legali 159 tal-2017 ġie sostitwit bl-Avviż Legali Numru 438 tal-2018 u sussegwentement ġiet fis-seħħ il-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 li f'dan ir-rigward hija l-liġi speċjali li tapplika f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni u ċioe meta ssir talba ta' trasferiment ta' drittijiet ta' art agrikola tal-Gvern;*

II. *Illi di piu', l-Awtorita' tal-Artijiet kienet korretta meta ma laqgħetx it-talba ta' trasferiment tad-drittijiet tal-kirja surreferita a favur tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-Awtorita' tħoss li dan l-aggravvju għandu jiġi miċħud fl-interita' tiegħu.*

*Finalment jiġi rrilevat li fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' tal-Artijiet aġixxiet in linea ma' dak li titlob il-liġi u l-istess deċiżjoni ittieħdet wara li saru l-konsiderazzjonijiet kollha relevanti skont il-liġi, u senjatament il-leġislazzjoni sussidjarja suċitata. Illi oltre dan, stante l-obbligi imposti mill-liġi fuq l-esponenti, jiġi senjalat li din id-deċiżjoni ittieħdet fid-dawl tal-aħjar amministrazzjoni tal-art kif irid l-Artikolu 7(2)(c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, tali konsiderazzjonijiet ser jiġu ampjament provati fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

*Illi l-esponenti tissenjala illi fi kwalunkwe każ, it-talba rikorrenti sabiex tintlaqa' l-applikazzjoni għat-trasferiment tat-titolu ta' qbiela m'għandha qatt tiġi akkordata stante li permezz tal-istess qiegħed jintalab li dan l-Onorabbli Tribunal jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-esponenti.*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet tal-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u konsegwentement jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mill-appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ssottomettew applikazzjoni sabiex qbiela ta' art agrikola tal-Gvern ġewwa Ħaż-Żabbar, li kienet mikrija lil missierhom Emanuel Formosa

tiġi trasferita fuqhom u dan wara li missierhom ġie nieqes. Illi permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorita` intimata, din it-talba ġiet miċħuda peress li l-istess raba kien jaqa' fi skema tal-iżvilupp.

Illi r-rikorrenti jsostnu illi din id-deċiżjoni tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif jistabilixxi r-Regolament numru 5 tal-Avviż Legali 159 tal-2017.

Illi t-Tribunal jqis li jkun siewi jirriproduċi hawn taħt ir-Regolament 5 tal-Avviż Legali 159 tal-2017, u ċioe`:

*5. (1) Meta jmut il-kerrej tal-art agrikola, il-kirja għandha tkompli fuq min għandu jedd għaliha skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.*

*(2) Jekk wara l-mewt tal-kerrej, ma jkun hemm ebda persuna oħra rikonoxxuta mill-Awtorità tal-Artijiet li bħala kerrej fuq l-art agrikola u ma jkun hemm ebda persuna li tkun tikkwalifika bħala kerrej biex tkompli l-qbiela skont l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta'Raba, l-art għandha tintradd lura lil Gvern.*

Illi pero` fil-21 ta' Diċembru 2018 daħal *in vigore* l-Avviż Legali 438 tal-2018 (Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06) li f'Regolament 17 tiegħu jistipula illi "*Kull talba għar-rigward ta' art agrikola jew bini proprjetà tal-Gvern li jinsab f'art agrikola tal-Gvern magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi eżaminata u deċiża b'dawn ir-regolamenti.*"

Illi għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti trid tiġi eżaminata taħt dak li jipprovdi l-imsemmi Avviż Legali.

Illi għal aħjar intendiment tal-kwistjoni, t-Tribunal se jiċċita l-varji disposizzjonijiet li fl-opinjoni tiegħu huma rilevanti għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza.

Illi ai termini tar-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06:

***3. Salv għal meta xi trasferiment u assenjazzjoni tad-drittijiet mitlub taħt dawn ir-regolamenti jkun jirrigwarda trasferiment u assenjazzjoni tad-drittijiet bejn membru tal-familja kif deskritt f'dawn ir-regolamenti:***[1]

---

[1] Enfasi tat-Tribunal

*L-ebda applikazzjoni magħmula bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti ma għandha tiġi konsidrata mill-Awtorità meta din tirrigwarda:*

*(a) ...*

***(b) trasferiment u assenjazzjoni tad-drittijiet ta' persuna li għandha art agrikola proprjetà tal-Gvern ta' Malta b'titolu validu fuq isimha, u fuq liema art agrikola jkun hemm bini, u l-art agrikola u, jew il-bini li jkunu ser jiġu assenjati u trasferiti jkunu jinsabu, anke in parti, fl-iskema tal-iżvilupp jew inkellha jkunu tajba għall-iżvilupp:[2]***

*Salv għal meta xi trasferiment u assenjazzjoni tad-drittijiet mitlub taħt dawn ir-regolamenti jkun jirrigwarda trasferiment u assenjazzjoni tad-drittijiet bejn membru tal-familja kif deskritt f'dawn ir-regolamenti, l-ebda applikazzjoni ma għandha tiġi konsidrata mill-Awtorità jekk l-ewwel ma tkunx ġiet referuta lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura imwaqqaf bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti biex jagħti l-parir tiegħu u jekk ikun il-każ jagħti s-suġġerimenti tiegħu dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu imposti.*

Illi Regolament 9 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jiddisponi hekk:

*9.(1) Meta jmut il-kerrej tal-art agrikola, l-kirja tista' tkompli fuq dak il-membru jew membri tal-familja b'mod in solidum kif jiddetermina l-istess kerrej, b'dan illi l-kondizzjonijiet eżistenti qabel il-mewt tal-kerrej għandhom jibqgħu viġenti fl-intier tagħhom u jgħaddu ukoll għal fuq il-kerrej il-ġdid:*

*Iżda, fejn il-kerrej ma jiddeterminax lil min fost il-membri tal-familja għandha tgħaddi l-art, l-art għandha tgħaddi għand dak il-membru tal-familja f'din l-ordni ta' preferenza wara li ssir applikazzjoni minn għand dak il-membru tal-familja fi żmien sena mill-mewt tal-kerrej flimkien ma dikjarazzjoni ffirmata minn avukat jew nutar li l-persuna li fuqha sejra tiġi trasferita l-kirja hija hekk ntitolata:*

*(a) ir-raġel jew il-mara tal-kerrej;*

*(b) id-dixxendent lineari, axxendent lineari;*

*(ċ) ir-raġel, sieħeb jew koabitant tat-tifla jew il-mara, is-sieħeb jew koabitant tat-tifel;*

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

*(d) l-armla jew l-armel tal-ulied sakemm ma jerġgħu xjiżżewġu:*

*Iżda b'dan illi jekk aktar minn persuna waħda jaqgħu fl-istess kategorija f'din l-ordni imsemmija, l-art tista' tiġi trasferita in solidum lill dawk il-persuni wara li ssir applikazzjoni waħda minn għand dawk il-membri tal-familja fi żmien sena mill-mewt tal-kerrej flimkien ma dikjarazzjoni ffirmata minn avukat jew nutar li l-persuni li lilhom sejra tiġi trasferita l-kirja huma hekk intitolati.*

*Ma kull applikazzjoni għandu jkun hemm id-dokumentazzjoni kollha, inkluż riċerki, li jiġġustifikaw dik id-dikjarazzjoni tal-avukatjew in-nutar.*

*(2) Jekk wara l-mewt tal-kerrej, ma jkun hemm ebda persuna li tkun tikkwalifika bħala kerrej tal-art agrikola mill-Awtorità tkompli l-kirja skont dawn ir-regolamenti, l-art u dak kollu li jkun jinsab fuqha għandha tintradd lura lil Awtorità mingħajr ebda dritt ta'xi kumpens.*

Illi Artikolu 4 (2) (b) tal-Kapitolu 199 jiddisponi s-segwenti, u ċioe`:

*(2) Il-Bord jilqa' r-rikors*[3] *ta' sid il-kera jekk sid il-kera jipprova li:*
...
*(b) jeħtieġ ir-raba', basta ma jkunx raba' saqwi, għall-kostruzzjoni fuqu ta' bini għal skopijiet ta' residenza,negozju jew industrjali;*

**Ikkunsidra:**

Illi mit-testment esebit a fol.43 *et sequitur* datat 23 ta' Frar, 2016, Emanuel Formosa, missier ir-rikorrenti, ma ddeterminax għand min kellha tgħaddi l-kirja in kwistjoni. Illi għalhekk, ai termini tar-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 il-kirja kellha tgħaddi għand il-mara ta' Emanuel Formosa. Madanakollu, ir-rikorrenti Lucienne Delia stqarret illi ommha kienet irrinunzjat għall-qbiela in kwistjoni, għalkemm fl-atti ma ġiet esebita ebda rinunzja. Illi pero` t-Tribunal jifhem illi din ir-rinunzja waslet għand l-Awtorita` intimata stante li fil-*case officer report* ġie dikjarat illi r-rikorrenti kienu jikkwalifikaw għat-trasferiment bħala membri tal-familja.[4]

Illi pero`, minkejja li huma kienu jikkwalifikaw bħala "membri tal-familja" għat-trasferiment, fir-risposta tagħha, l-Awtorita` intimata sostniet li t-trasferiment ma setax isir għaliex japplika artikolu 4 (2) (b) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi li sid ir-raba jista' jitlob lill-

[3] Sabiex is-sid jiehu lura r-raba

[4] A fol 30

Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' jawtorizzah jirriprendi r-raba jekk ikun jeħtieġ ir-raba' għall-kostruzzjoni fuqu ta' bini għal skopijiet ta' residenza, negozju jew industrjali, basta li r-raba ma jkunx wieħed saqwi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal din id-disposizzjoni tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta ma tinkwadrax fit-talba magħmula mir-rikorrenti, u dan għaliex hawn mhux qed nitkellmu fuq xi talba tal-Awtorita` lill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba sabiex tirriprendi r-raba in kwistjoni għaliex teħtieġ l-istess raba għall-iskopijiet hawn fuq imsemmija. It-talba tar-rikorrenti tirrigwarda trasferiment ta' qbiela u mhux xi azzjoni da parti tal-Awtorita` intimata biex ma ġġeddidx il-qbiela.

Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, it-talba tar-rikorrenti kellha tiġi proċessata biss ai termini ta' dak li tiddisponi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06.

Illi r-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 jistipula, fost oħrajn, illi l-ebda applikazzjoni għal trasferiment ma għandha tiġi kkonsidrata mill-Awtorita` intimata jekk ir-raba, jew parti minnha, jaqa' fl-iskema tal-iżvilupp jew inkella tkun tajba għall-iżvilupp. Din il-kundizzjoni pero` **<u>ma tapplikax</u>** jekk it-***"trasferiment jew assenjazzjoni tad-drittijiet"*** **ikun qed isir *"bejn membru tal-familja."*** Illi kif ġie rilevat iktar 'il fuq, ir-rikorrenti jikkwalifikaw bħala "membri tal-familja" tal-kerrej tal-art in kwistjoni. Kwindi, l-applikazzjoni tagħhom ma setgħetx tiġi ostakolata minn Regolament 3 (b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 minkejja li r-raba jinsab fl-iskema tal-iżvilupp.

Illi fix-xhieda tagħha, Dr. Glenice Stivala, uffiċjal legali tal-Awtorita` intimata, stqarret illi d-deċiżjoni appellata ttieħdet fuq direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata. Illi x'kien li sawwar din id-direzzjoni mhux magħruf u dan meta l-liġi tgħid proprju mod ieħor. Illi dan it-Tribunal ma ngħata ebda spjegazzjoni dwar ir-*raison d'être* tal-istess direzzjoni u kwindi isib li tali direzzjoni hija waħda żbaljata u mhux raġjonevoli ladarba **l-liġi tgħid espressament mod ieħor.**

Illi fit-trattazzjoni orali, d-difensur tal-Awtorita` intimata sostna illi Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 573.06 jagħti diskrezzjoni lill-Awtorita` jekk taċċettax jew le trasferiment ta' raba. Illi t-test Malti tal-liġi jaqra hekk *"Meta jmut il-kerrej tal-art agrikola, l-kirja **tista'** tkompli fuq dak il-membru tal-familja...."* għaldaqstant huwa sostna illi l-Awtorita` għandha diskrezzjoni la darba fil-liġi hemm il-kelma "tista'". Illi t-Tribunal ra t-test Ingliż tal-istess disposizzjoni fejn hemm imniżżel is-segwenti *"In the event of the death of the lessee of the agricultural land, the lease **shall** pass*

*onto a family member...”* Illi meta t-Tribunal qies l-ispirtu tal-liġi, anke wara li rat id-dibattitu parlamentari fejn ġiet diskussa Mozzjoni tal-Opposizzjoni dwar emendi fl-Avviż Legali 438 tal-2018 (Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06),[5] huwa tal-fehma illi l-kelma “tista’” fit-test Malti ma għandhiex tittieħed fis-sens illi qed tagħti xi diskrezzjoni lill-Awtorita` imma trid tittieħed li tfisser kif aħjar imniżżla fit-test Ingliż “shall”.

Illi din il-fehma tat-Tribunal hija rafforzata bid-dibattitu imsemmi hawn fuq. Waqt dan id-dibattitu, l-Onorevoli Chris Agius, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta’ Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, taħt liema dekasteru kienet taqa’ l-Awtorita` intimata, qal hekk meta kienet qiegħda tiġi diskussa emenda għar-Regolament 3, u ċioe`:

***“Fil-mozzjoni tal-Oppożizzjoni qed jiġi propost li jitneħħa r-regolament 3. Bħala Gvern nemmnu li dan ir-regolament huwa kruċjali biex niġġieldu l-ispekulazzjoni. <u>Naħseb li l-Oppożizzjoni ma ndunatx li dan ir-regolament ma jgħoddx għall-membri tal-familja. Jidher li l-Oppożizzjoni ma ndunatx li razzett, hu ta’ liema daqs hu, jista’ jgħaddi għand il-membri tal-familja. Ma ndunatx li jekk art, anke jekk parti minnha, hi fl-iskema tal-iżvilupp jew tajba għall-iżvilupp, tista’ ddur fuq membri tal-familja</u>.”***[6]

Illi dan id-diskors huwa xhieda ċara tal-intenzjoni tal-Leġislatur, liema intenzjoni hija ben definita fil-liġi kif promulgata. Kwindi l-Awtorita` intimata ma tistax tiddipartixxi mir-rieda tal-Leġislatur u toħloq politika li hija direttament opposta għal dak li tiddisponi l-Liġi.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata ttieħdet b’mod skorrett.

Finalment, it-Tribunal jirrileva illi ma jistax jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom u dan stante li huwa ma jistax jilqa’ t-talba għat-trasferiment tal-art *de quo* kif mitlub. It-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Awtorita` intimata. Id-diskrezzjoni għal deċiżjonijiet amministrattivi tibqa’ dejjem f’idejn dik l-entita` li hija munita mil-Leġislatur li tieħu l-istess deċiżjonijiet.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal, fit-termini hawn fuq premessi qiegħed jiddisponi mill-appell tar-rikorrenti u mir-risposta tal-Awtorità intimata, billi jilqa’ *in parte* t-talbiet tar-rikorrenti billi jħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorita intimata datata 14 ta’ Ġunju, 2022, u jiċħad dik il-parti fejn intalab

[5] Seduta Parlamentari numru 202
[6] Enfasi tat-Tribunal

jilqa' t-talba għat-trasferiment tal-art *de quo*, filwaqt li jiċħad ir-risposta tal-Awtorità intimata sa fejn hija inkompatibbli ma` dak li ntqal hawn fuq.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**